Reġistri tal-artijiet fil-pajjiżi tal-UE

Slovenja

Din it-taqsima tipprovdilek ħarsa ġenerali lejn ir-reġistru tal-artijiet tas-Slovenja.

X'joffri r-Reġistru tal-Artijiet Sloven?

Ir- Reġistru tal-Artijiet Sloven fih il-fatti **ġuridiċi** marbuta mal-proprjetajiet, bħalma huma s-sidien, l-ipoteki, u s-servitù.

Huwa disponibbli wkoll il-Katast tal-Artijiet li jiffoka fuq iċ-ċirkostanzi fattwali tal-propjetajiet.

Ir-Reġistru tal-Artijiet huwa ta' u jiġi ġestit mill-**Qorti Suprema tar-Repubblika tas-Slovenja.**.

L-aċċess għar-reġistru tal-artijiet Sloven huwa mingħajr ħlas?

L-aċċess pubbliku elettroniku għar-Reġistru tal-Artijiet huwa disponibbli fuq il-portal e-Sodstvohttps://evlozisce.sodisce.si/esodstvo/index.html. L-aċċess għad-dejta huwa mingħajr ħlas iżda tinħtieġ reġistrazzjoni minn qabel.

L-aċċess pubbliku għar-Reġistru tal-Artijiet huwa disponibbli wkoll fil-qrati lokali kollha tas-Slovenja, in-nutara u l-unitajiet amministrattivi, fejn l-individwi jistgħu jġibu kopja ċertifikata ta' estratt mir-Reġistru tal-Artijiet. L-estratti ċertifikati mir-Reġistru tal-Artijiet isiru bi ħlas.

Kif tagħmel tiftixa fir-Reġistru tal-Artijiet Sloven

Jista' jkollok aċċess għad-dejta billi ddaħħal il-kriterji tat-tiftix li ġejjin:

il-muniċipalità katastali, u n-numru tal-porzjoni diviża tal-art

il-muniċipalità katastali, in-numru tal-bini u n-numru individwali tal-porzjoni tal-art

in-numru ta' identifikazzjoni tal-propjetà (l-ID tal-propjetà)

in-numru ta' identifikazzjoni tad-dritt (l-ID tad-dritt)

L-istorja tar-Reġistru tal-Artijiet Sloven

Il-portal elettroniku l-ġdid ilu aċċessibbli mill-2011. Qabel din is-sena, l-informazzjoni kienet aċċessibbli fir-'reġistru tal-artijiet' il-qadim.

Ħoloq relatati

http://www.sodisce.si/javne_knjige/zemljiska_knjiga/

L-aħħar aġġornament: 27/03/2018

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.